**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Gunju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Trevor Micallef**

**Vs**

**Rodney Spiteri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Rodney Spiteri, iben Anthony u Jennifer nee' Pisani, imwieled Pieta' nhar it-18 ta' Ottubru 1993, residenti 36, redeemer, Triq San' Elija, Fgura w detentur tal-karta tal-identita 484593M;

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Lulju 2015 ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghodu (07:30a.m) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Christian Silva Cuadres;;

2) Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi dan il-kaz jittratta argument li qam bejn l-imputat u l-vittma fejn il-hanut tal-Burger King f'Paceville fil-lejl in kwistjoni. Il-parti leza, Cristian Silva Cuadres, persuna ta' nazzjonalita' spanjola, xehed li ma jiftakar xejn mill-incident fejn hu sofra xi griehi. L-anqas seta' jidentifika lill-aggressur tieghu. Ix-xhieda okulari l-ohra, izda, gharfu lill-imputat bhala l-persuna li weggghet lil Cuadres, izda qalu li l-ispanjol kien qed igib ruhu stramb hafna, tant li beda jdejjaq wahda mill-persuni li kienu mal-imputat, u meta dawn qalulu biex jieqaf u baqa' jdejjaqhom, l-imputat tah daqqa u warrbu minn hemm. B'hekk sofra l-griehi li kellu. Ghalhekk huwa verosimili li Cuadres kien ikkonsma kwantita' ta' alcohol tant li ma kienx jaf x'inhu jaghmel, u l-imputat intervjena biex jiddefendi lil shabu. Madankollu l-effetti kienu forsi eccessivi, izda xorta jibqa' element ta' provokazzjoni minn Cuadres. Ghalhekk il-Qorti, ghalkemm ser issib lill-imputat hati ta' dawn l-akkuzi, sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' fil-konfront tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216(1)(b) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor ghal perjodu ta' tlitt snin ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**